26 ta' Mejju, 1952

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., L.LD.

Rikors tar-Reverendu Kanoniku Paolo Borg ne.

*versus*

Carmelo Mallia ne.

**"War Damage Commission" — Appell — Notifika — Terminu.**

*It-terminu għall-appell minn deċiżjoni tal-"War Damage Commission" ma jistax jibda jgħaddi ħlief minn meta d-deċiżjoni tiġi notifikata biex tinġieb għall-konoxxenza tal-persuna nteressata; u biex il-persuna nteressata tiġi għall-konjizzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, jeħtieġ li d-deċiżjoni tkun kommunikata lilha, u mhux lil xi persuna oħra. U l-persuna nteressata hija dik li tkun għamlet il-"claim".*

*Għaldaqstant, sakemm id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tiġix kommunikata lill-persuna li għamlet il-"claim", it-terminu għall-appell minn dik id-deċiżjoni ma jibdiex jgħaddi.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors tal-Kanoniku Paolo Borg nomine, fejn dan, wara li espona illi fit-2 ta' April 1951 ġie preżentat rikors quddiem din il-Qorti fl-isem ta' Alfredo Cachia Zammit bħala Segretarju tal-Kumitat Arċiveskovili għall-proprjetà tal-Knisja, ta' appell kontra deċiżjoni mogħtija mill-War Damage Commission fl-20 ta' Frar 1951 dwar il-"claims" nri. 51057, 51018/1267/46, li kienet irrduċiet mill-"claim" is-somma ta' £271. 19. 9, spiża ta' pedamenti tal-postijiet nri. 55, 56 u 56A, Rinella Street, Kalkara;

Illi fuq dak ir-rikors din il-Qorti, bid-deċiżjoni tagħha tal-11 ta' Ġunju 1951, kienet akkolҗiet l-eċċezzjoni tal-konvenut illi l-attur ma kienx persuna leġittima biex jirrappreżenta l-Knisja, u għalhekk illiberat il-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, u l-esponent jagħmel riferenza għall-atti u dokumenti kollha ta' dak ir-rikors;

Illi peress illi l-Kummissjoni kienet innotifikat lil Alfredo Cachia Zammit, u mhux lill-esponenti, bid-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Frar 1951 l-esponenti, bl-ittra tiegħu tal-20 ta' Ottubru 1951, talab lill-Kummissjoni biex tinnotifika lilu l-

imsemmija deċiżjoni (dok. A), sabiex huwa jkun jista' jappella, u rreitera dina d-domanda fl-ittra tiegħu tas-7 ta' Frar 1952 (dok. B), b'risposta għal dik tal-Kummissjoni tat-2 ta' Frar 1952 (dok. C), u l-Kummissjoni rrispondiet bl-ittra tal-25 ta' Marzu 1952 (dok. D), li biha rrifjutat illi tinnotifika lill-esponent billi allegat illi kien hemm ftehim li kellu jiġi notifikat l-imsemmi Cachia Zammit fil-kwalità tiegħu ta' segretarju;

Illi dina d-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija kontradittorja għall-eċċezzjoni mill-Kummissjoni mogħtija fuq ir-rikors ta' Cachia Zammit u għall-imsemmija deċiżjoni ta' din il-Qorti; in-notifika tad-deċiżjonijiet tal-War Damage Commission hija att formali u tiddependi mill-liġi, u mhux minn kwalunkwe ftehim illi jista' jsir bejn il-War Damage Commission u l-Awtorità Ekkleżjastika; jekk il-"claimant" biss huwa l-persuna leġittima biex jagħmel appell, huwa wkoll l-unika persuna leġittima biex tiġi notikata bid-deċiżjoni tal-War Damage Commission;

Talab illi d-deċiżjoni mogħtija mill-War Damage Commission fil-25 ta' Marzu 1952 tiġi revokata, u jiġi deċiż illi n-notifika li saret lil Alfredo Cachia Zammit tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq l-imsemmijin "claims" ma hix valida għall-fini tad-dekorrenza tat-terminu ta' l-appell, u li għalhekk l-appellanti huwa fit-terminu li jappella mill-imsemmija deċiżjoni tas-27 ta' Marzu 1951 (dok C unit ma' l-imsemmi rikors ta' Alfredo Cachia Zammit nomine); u illi l-imsemmija deċiżjoni tas-27 ta' Marzu 1951 tiġi revokata, u illi s-somma ta' £271. 19. 9 tiġi ammessa u l-Kummissjoni tiġi kundannata tħallasha. Bl-ispejjeż;

L-intimat nomine wieġeb illi dan l-appell huwa insostenibili, għaliex in-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, li saret lil Alfredo Cachia Zammit bħala Segretarju tal-Kumitat Arċiveskovili għall-proprjetà tal-Knisja, saret skond l-istruzzjonijiet mogħtija f'dan ir-rigward mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof, u għalhekk l-appellant ma jistax jiġi 'l quddiem u jimpunja l-validità ta' dik in-notifika, li saret lill-persuna debitament awtorizzata; u rriżerva li jagħti eċċezzjonijiet oħra opportuni jekk ikun il-każ;

Rat l-attijiet tal-kawża u semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi (art. 22 (3) u 24 (6) ta' l-Ord. III ta' l-1943) it-terminu ta' l-appell mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni huwa sitt ijiem mid-deċiżjoni ta' dik il-Kummissjoni. Iżda la darba d-deċiżjoni ma tingħatax f'udjenza publika, bħalma jingħataw is-sentenzi tal-Qorti, iżda tiġi kommunikata bil-miktub, għalhekk huwa naturali li t-terminu ma jistax jibda jgħaddi ħlief minn meta d-deċiżjoni tiġi kommunikata u tinġ'eb għak-konoxxenza ta' l-interessat, għax qabel ma d-deċiżjoni tiġi għak-konoxxenza ta' l-interessat, dan ma jistax jieħu ebda pass biex jappella. Biex l-interessat jiġi għak-konoxxenza tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, jeħtieġ li d-deċiżjoni tkun kommunikata lilu, u mhux lil xi persuna oħra, għax inkella l-interessat, mingħajr lanqas ma jkun jaf bid-deċiżjoni, jista' jiddekadi mid-dritt ta' l-appell li tagħtih il-liġi, billi jiddekorri kontra tiegħu t-terminu ta' l-appell. Kien ikun ġuridikament assurd, u għalhekk mhux preżumibili, li l-liġi tagħtih id-dritt ta' l-appell mingħajr il-possibilità li jeżerċitah. Il-persuna nteressata hija min ikun għamel il-"claim", għax l-appell tista' tagħmlu hi, meta jidhrilha li ġiet maħqura bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni (art. 22 (3) u 24 (6) Ord. ċit.);

Ikkunsidrat;

*Illi fil-każ in eżami*, *id-deċiżjoni* tal-Kummissjoni ġiet kommunikata mhux lill-appellant, li kien għamel il-"claim", iżda lil persuna oħra maħtura mill-Arċisqof tal-Provinċja Maltija. Iżda din il-persuna ma setgħetx ġuridikament tissostitwixxi lill-appellant; għax kif il-persuna sostitwenti ma jistax ikollha "locus standi", u għalhekk mhix persuna leġittima *fil-ġudizzju ta' l-appell mid-deċiżjoni* tal-Kummissjoni (art. 1986 Kod. Ċiv.), hekk ukoll ma setgħetx tissostitwixxi l-appellant fin-notifika ta' l-att kważi-ġudizzjarju tal-Kummissjoni, li huwa d-deċiżjoni tagħha u li minnha jrid isir l-appell, jiddekorri t-terminu, u b'hekk jiġi inizjat il-proċediment quddiem din il-Qorti. U tabilħaqq, id-deċiżjoni u n-notifika tagħha *lil min ikun għamel il-"claim"* huwa *parti* mill-proċediment kważi-ġudizzjarju tal-Kummissjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent appellant, billi tirrevoka d-deċiżjoni tal-War Damage Commission tal-25 ta' Marzu 1952, u tiddikjara illi n-no-

titika li saret lil Alfredo Cachia Zammit tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq l-imsemmijin "claims" mhix valida għall-fini tad-dekorriment tat-terminu ta' l-appell; bl-ispejjeż ta' dan il-kap kontra l-intimat nomine.